# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 9 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru : 98/2019 JPG**

**Kawza Numru: 25**

**MB**

**Vs**

**U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentw lill-assenti SS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB datat 10 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni intima bejn il-partijiet twieled il-minuri SG u dan kif jindika c-ceritfikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minhabba l-karattru dominanti u harex ta' l-intimat li dejjem jimponi u sahansitra jhedded lill-esponenti. F'dan ir-rigward kellha tintalab l-assistenza tal-Pulizija;*

3. *Kif ser jirrizulta, l-intimat m'huwiex il-persuna idonea li jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejh u dan ukoll ser jirrizulta mill-provi waqt it-trattazzjoni ta' dina*

*l-kawza;*

4. *Illi apparti dan kollu l-intimat mhux biss jigi jara l-ibnu kif u meta jfettillu izda jirrezisti li huwa jghaddi manteniment ghall-wild u kien ghalhekk li ma kienx hemm triq ohra ghajr din il-kawza.*

5. *L-omm ghadha sal-gurnata ta' llum terfa' l-piz tal-minuri minghajr kollaborazzjoni tal-missier minhabba l-persistenza tieghu li ma jridx jimmedja u lanqas jilhaq kompromess;*

6. *Illi sussegwentement, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (vide Dok B).*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onor.Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri SG tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici;*

2. *Tordna illi kull beneficcju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri tinghata unikament lir-rikorrenti.*

3. *Tiffissa rata ta' manteniment pagabbli lir-rikorrenti ghall-minuri ta' mhux inqas minn Euro 300 kull erba' gimghat kif ukoll tikkundanna lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri;*

4. *Tordna li l-esponenti tithallas dan il-manteniment u l-ispejjez hekk kif iffissat u fin-nuqqas tal-pagament tali hlas jibda jinqata' direttament mid-dhul tal-konvenut u dan b'effett mill-ftuh tal-medjazzjoni mir-rikorrenti.*

5. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika ghall-hrug u t-tigdid tal-passaport tal-minuri SG, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti annessi u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-kurturi deputati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno datata 12 ta' Ottubru 2021 a fol 65 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi l-esponenti jitolbu illi l-Qorti tordna lill-attrici sabiex tikkonferma bil-gurament li skond l-informazzjoni li hija ghandha, l-intimat mhux ser jirritorna lura Malta u li fil-prezent jinsab il-L.*

3. *Illi inoltre, l-esponenti jitolbu li l-attrici tipprezenta permezz ta' nota kull informazzjoni li hija ghandha ta' fejn jista' jkun qieghed jirrisjedi l-intimat, u jekk l-attrici m'ghandha ebda informazzjoni f'dan is-sens, hija tipprezenta kull indirizz, numru ta' telephone jew email address, tal-intimat fejn jista jkun possibbli ghall-istess esponenti li jaghmlu kuntatt mieghu waqt li huwa qieghed il-L, anke jekk dawn id-dettalji jkunu ta' xi membru tal-familja tieghu fil-L.*

4. *Illi l-esponenti jirriservaw minn issa li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-htiega.*

*Bl-ispejjez.*

*L-attrici hija minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Frar 2023, li permezz tieghu lil din il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex mat-talbiet indikati fir-rikors promotur izzid talba ohra u cioe; "Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika ghall-hrug u t-tigdid tal-passaport tal-minuri SG, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut".

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet viva voce nhar l-24 ta' Marzu 2022 (vide fol 71 et seq)*** u spjegat illi l-intimat ilu aktar minn sentejn nieqes minn Malta. Tixhed illi kienet iltaqghet mal-intimat fis-sena elfejn u hmistax (2015) fejn kienu bdew relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri. Izzid illi kienu ghamlu xi zmien jghixu flimkien pero' l-intimat kien inbidel f'qasir zmien. Qabel ma kellha lill-minuri, l-intimat sar possessiv, u kien anke jmur wara l-bieb tas-supermarket fejn hija kienet tahdem, u ghalkemm fix-xoghol taghha kienet titkellem ma' hafna nies, l-intimat kien jipprova izomm lill-

attrici milli tkellem ragel. Illi din il-pussessivita bdiet tizdied tant li kien iwassalha ghax-xoghol hu u anke kien imur fil-*break*. Tispjega illi hu ma kienx jahdem, u dejjem ried li jkollu impjieg ta'certu livell peress li l-L huwa kien suldat u ghalkemm quddiem in-nies kien igib ruhu mod, maghha kien pussessiv, u kemm il-darba ghamilha xenati fuq il-post tax-xoghol taghha, tant li spiccat minghajr xoghol u kellha tmur tghix mal-intimat. Tixhed illi l-minuri twieled f' Novembru tas-sena 2019 u dak iz-zmien li twieled il-minuri kienet regghet qieghda tghix mal-intimat fi flat gewwa Paceville. Sakemm kienet qieghda tghix mieghu, l-attrici tirrileva illi filwaqt li l-intimat seta' johrog ma' shabu hija ma setghatx tohrog, lanqas biex tmur tixtri. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kien heddidha, refa' jdejh fuqha u anke kien isakkarha gewwa. Izzid illi filwaqt li lilha kien isakkarha, hu kien johrog ma' nisa ohra tant li spicca biex izzewweg lil  terza persuna, ghandu tifel minnha u dana kollu waqt li kienu ghadhom f'relazzjoni. Tikkonferma illi r-relazzjoni taghha mal-intimat intemmet meta binhom kellu biss erba' xhur. Dakinhar kienet qieghda Kennedy Grove ma xi familjari, u l-intimat hatfilha lit-tifel. L-attrici tispjega illi kienet baqghet tigri warajh sad-dar tieghu, spiccat biex cemplet lill-Pulizija, u kienu qalulha li ma setghet taghmel xejn peress li l-minuri qieghed fuq kunjom il-missier. Maz-zmien hija dahlet fil-korp tal-Pulizija, u llum tahdem bhala ufficjal tal-pulizija. Illi maz-zmien hi kienet infurmat lill-intimat illi kienet bdiet relazzjoni ma' persuna ohra, u l-intimat kien infurmaha illi kien ser jitlaq minn Malta. Izzid illi l-intimat kien **ghadda manteniment f'okkazzjoni wahda biss** u dan madwar sentejn ilu.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar is- 16 ta' Frar 2023, (vide fol 105 et seq)*** u esebixxa il-*Jobsplus Employment history* tal-intimat.

***Manuel Saliba in rapprezentanza tal-MIA xehed nhar is-16 ta' Frar 2023, (vide fol 106 et seq)*** u spjega illi l-MIA ma jkollhiex informazzjoni dwar passiggieri, izda tali talba ghandha ssir lil Avsec u cioe lil *Aviation Security* li jkollha l-manifest ta' l-*airlines*.

***WPS 2171 Kimberly Pisani xehdet nhar is- 16 ta' Frar 2023,*** u spjegat illi hija sabet tliet (3) rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-intimat, wiehed datat 14 ta' April 2017, iehor 16 ta' April 2017, u iehor 29 ta' Mejju2 017.

***Saviour Aquilina in rapprezentanza tal-Aviation Security, xehed nhar l-24 ta' April 2023 (vide fol 121 et seq)***, u spjega illi s-sistemi tal-ajruport jerfghu data ghal sitt (6) xhur, kemm minhabba *data protection* u anke minhabba storage infrastructure. Illi ghalhekk l-ewwel *check* li saret tirrisali ghas- 7 ta' Marzu u ghalhekk b'referenza ghas-sitt xhur ta' qabel u cioe' s-7 ta' Settembru , u bhala partenzi ma rrizulta xejn. Izid illi ghal dak li jirrigwarda wasliet fl-ajruport huma ma jkollhomx

informazzjoni.

***L-Ispettur Hubert Gerada, stazzjonat l-Immigration, xehed nhar l-24 ta' April 2023, (vide fol 122 et seq)*** u irrileva illi l-intimat kien dahal Malta minn Tripli fl-20 ta' Dicembru tas-sena 2013, u inghata erba' (4) permessi ta' residenza fuq bazi umanitarja. Fis- 26 ta' Lulu tas-sena 2018, applika ghal permess ta' residenza bhala persuna ezenti, liema permess kien validu sal-25 ta' Lulju 2023.

***MYB, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 115 et seq)*** u spjegat illi bintha kienet bdiet ir-relazzjoni mal-intimat fis-sena 2015 u kienet laqqathom mieghu f'Dicembru tal-istess sena. Illi x-xahar ta' wara bintha kienet marret tghix mal-intimat Bugibba. Illi fil-bidu ir-relazzjoni taghhom mal-intimat kien wahda tajba. F' Marzu tas-sena 2016, bintha u l-intimat kienu qalulhom li kien ser ikollhom tarbija. Tixhed illi imbaghad f'April tas-sena 2016, l-intimat kien xtara karozza, u minn hemm beda jinbidel, beda johrog wahdu, u kien jigi ghall-attrici tard hafna. Illi wara ftit bintha kienet ratlu xi messaggi fuq il-mobile minghand mara ohra jisimha Z, u minn hemm bdew jinqalu hafna argumenti, u kien irrizulta li kien jiltaqa' ma' certu Z li kienet habiba tieghu fil-passat. Illi pero' f'Mejju tas-sena 2016, bintha kienet iceviet messagg minghand din Z, li xtaqet li jiltaqghu biex tkellimha. Z kienet qaltilha illi hija ghandha relazzjoni mal-intimat. Illi kif saret taf b'dan, bintha irritornat lura d-dar. Illi bejn Mejju u Gunju tas-sena 2016, bintha kienet bdiet tahdem gewwa Supermarte, izda l-intimat kien qieghed jaghmilha hafna xenati, tant li darba minnhom hadha minn fuq ix-xoghol u baqa sejjer biha Ghawdex. Illi filfatt bintha ma damitx tahdem hemm minhabba dan kollu. Illi minkejja li kienu rawh ma' Z, l-intimat xorta wahda kien possessiv fuq bintha.

F'Novembru tas-sena 2016, bintha kienet waslet biex ikollha lit-tifel, u ghalkemm kien gie deciz li jkun hemm l-intimat maghha waqt il-hlas, hafna mill-hin kienet wahidha. Fi Frar tas-sena 2017, bintha kienet regghet marret tghix mal-intimat brevement, izda wara ftit rritornat lura d-dar. Illi fil-14 ta' April, waqt li bintha kienet qieghda f'xi gonna flimkien ma' xi familjari, l-intimat kien sabihom u kien hadilha lit-tifel u telaq bih. Ghalkemm bintha kienet marret warajh, u kienu anke cemplu ghall-intervent tal-Pulizija, dawn ma setghu jaghmlu xejn peress li l-intimat kien rikonoxxut fuq ic-certfikat tat-twelied tal-minuri. Illi l-ghada ukoll kien inqala dizgwid, u anke kien hemm Lisa ghand l-intimat. Illi ghat-tieni darba l-intimat kien prova jitlaq jigri bil-minuri u kien qal lil bintha illi ma kienitx ser tara lill-minuri aktar. Kien ghalhekk li bdew il-proceduri l-Qorti. Illi wara dan l-episodju, bintha kienet qaltilha illi l-intimat gieli refa' jdejh fuqha jew imbuttaha. Fis-27 ta' April 2017, l-intimat kien cempel lil bintha sabiex tmur tiehu lit-tifel lura. Illi waqt il-medjazzjoni qatt ma waslu f'kompromess tant li l-intimat anke ried li jsir DNA test fuq il-minuri kif filfatt sar u tistqarr illi l-intimat ghadda manteniment ghal minuri xi darbtejn biss. Illi l-possessivita tal-intimat fuq

bintha baqghet tippersisti, tant li bintha kienet spiccat toqghod ghal kull ma jghid l-intimat biex ma zzidx mal-problemi. Illi eventwalment kien qal lil bintha li hu ser ikollu tarbija ohra minghand Z, u kien f'dan il-mument li bintha ddecidiet li ghandhom jaqbdu triq separata. Illi filfatt, kienet registrat mal-akkademja tal-Pulzija u gradwat f' Novembru tas-sena 2018 u f'Awwissu tas-sena 2019, bintha bdiet relazzjoni ohra. Illi l-intimat kien qalilha li ser jsiefer l-Ingilterra ma' Z u gieli kien ikellem lill-minuri fuq Whatsapp. Fil-Milied tas-sena 2020 rega gie ghal jumejn izda min dakinhar ' l hawn ma ratux izjed. Ix-xhud taf illi kien izzewweg lil Z.

***Ilona Celine Farrugia Mifsud, in rapprezentanza tal-Identity Malta- Non EU Section, Ex Patriots Unit, xehedet nhar il-5 ta' Gunju 2023 (vide fol 131 et seq)*** u spjegat illi l-intimat kellu hames (5) applikazzjonijiet mad-Dipartiment, l-ewwel applikazzjoni saret fis-sena 2015, fejn ghamel sas-sena 2017, fuq *International Protection*. Illi fis-sena 2018 applika bhala persuna ezenti, stante li zzewweg cittadina Maltija. Illi r-*residence permit* huwa validu sal- 25 ta' Lulju 2023, izda m'ghandux bzonn awtorizzazzjoni biex jghix u jahdem Malta fuq din il-bazi. Ix-xhud tikkonferma illi ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ghat tigdid tal-permess ta' residenza.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri SG li twieled nhar it- 30 ta' Novembru 2016, u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid a fol 5 tal-atti.

***Kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...***"*

[1] Enfazi tal-Qorti.

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Manteniment ghall-ulied***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li

[8] Enfazi tal-Qorti.

jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil***

***uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-minuri SG twieled nhar it-30 ta' Novembru 2016 u llum ghandu kwazi seba' (7) snin. Illi minn dak li xehdet l-attrici fl-affidavit taghha, kif ukoll viva voce, jidher illi l-intimat m'ghadux jirrisjedi f'Malta, u llum x'aktarx jghix gewwa l-Ingilterra flimkien ma' certu Z, li hija martu u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg a fol 79 tal-atti. Illi jidher ukoll illi l-intimat ghandu ukoll wild minn din il-persuna. Illi din il-Qorti rat illi minkejja li l-Kuraturi Deputati pruvaw jaghmlu kuntatt mal-intimat, l-intimat ma ghamel l-ebda kuntatt mal-istess. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha biss quddiemha dak rilevat mill-attrici omm.

Illi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddubita it-testimonjanza tal-attrici. Il-Qorti semghat kif l-intimat qatt ma pprovda ghat-trobbija tal-minuri, ghajr ghal xi darbtejn li ghadda manteniment fl-ammont mizeru ta' EUR 100. Illi jidher ukoll illi l-intimat ilu ma jkollu kuntatt ma' ibnu sa mis-sena 2020, b'dana illi l-ahhar kuntatt li kellu mal-minuri kien tramite *Whatsapp*. Illi filfatt, kif

diga' rilevat aktar kmieni, l-intimat ghogbu li jitlaq mil-pajjiz flimkien ma' martu, u cioe l-persuna li maghha kellu relazzjonijiet intimi, waqt li kien ghadu f'relazzjoni mal-attrici li kienet tqila b'ibnu. Illi din il-Qorti hija moralment konvinta illi dejjem kienet l-attrici li rabbiet u ndukrat lill-minuri, tant li minkejja dak li ghaddiha minnu l-intimat, gharfet taqbad ir-rigni ta' hajjitha, b'dana illi llum hija ghandha impjieg stabbli bhala membru tal-korp tal-Pulizija, u anke irnexxilha takkwista residenza ghaliha u ghal binha.

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha **wahidha** minghajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu ddecizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri ghal dak kollu li jirrigwarda l-edukazzjoni, is-sahha, is-safar, applikazzjonijiet ta' u gbir ta' passaporti u t-tigdid taghhom fir-rigward tal-minuri u dan minghajr il-kunsens, firma jew presenza tal-intimat, u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes illum il-gurnata, apparti l-fatt li l-hajja qieghda tghola b'rata piutost rapida. Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom"*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero' u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, ikun limitat fil-kapacita' tieghu li jiggenera introjtu ta' certu entita mifhum ir-rabta u r-responsabilita inerenti fl-attivitajiet tat-tfal.

Il-Qorti taghraf illi l-abbandun totali da parti tal-intimat tul dawn l-ahhar snin wasslet lir-rikorrenti trabbi lil minuri **wahedha**, bl-oneru tat-trobbija tal-minuri kompletament fuq spallejha. Il-Qorti taghraf illi hija qed taghmel kontribut konsiderevoli finanzjarju kif ukoll kontribut non-finanzjarju sostanzjali. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici tippercepixxi introjtu mix-xoghol taghha mal-Korp tal-Pulizija fl-ammont ta' EUR 2000 kull xahar, liema ammont jinkludi sieghat ta' *overtime* u anke *allowances*. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici esebit prospett guramentat a fol 81 tal-ispejjes mensili illi hija tinkorri ghall-minur, liema spejjes jammontaw ghall EUR 700. Illi l-attrici indikat ukoll l-ispejjes annwali ta' sena li hija tinkorri fil-bidu ta' kull sena skolastika.

Illi mill-ahhar informazzjoni li ghandha din il-Qorti, jidher illi l-intimat m'ghadux fil-pajjiz. Illi il-Qorti fl-isfond tac-cirkostanzi fuq indikati tordna illi l-intimat jivversa s-somma ta' erbgha mitt euro (€400) kull xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri. Di piu' din is-somma ta' manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni u extra-kurrikulari ghandhom jinqatghu direttament mid-dhul, u/jew introjtu, u/jew salarju tal-intimat, u/jew kwalsiasi beneficcju, u/jew pensjoni li l-intimat jista talvolta jippercepixxi; Illi dan il-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri SG tkun vestita unikament u esklussivament fl-attrici omm li wahidha u minghajr il-firma, kunsens jew prezenza tal-intimat ghandha tiehu d-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji li jirrigwardjaw il-minuri SG; u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm u li d-domicilju u residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li jistghu talvolta l-minuri u/jew l-attrici ikunu eliggibli ghalihom ghandhom ikunu pagabbli lil-attrici;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' erbgha mitt euro (€400) kull xahar bhala manteniment ghall-minuri liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-ammont ghandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)- il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full-time.**

4. **Tilqa' ir-raba talba u tordna illi l-manteniment flimkien mal-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jinqatghu direttament mid-dhul, u/jew introjtu, u/jew salarju tal-intimat, u/jew kwalsiasi beneficcju, u/jew**

**pensjoni li l-intimat jista talvolta jippercepixxi;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tawtorizza lill-attrici wahidha, tiehu dawk id-decisjonijiet kollha relatati mas-safar tal-minuri u l- hrug u/jew tigdid ta' passaport tal-istess minuri u l-konsenja tal-istess passaporti f'idejn l-attrici u dan minghajr il-kunsens, il-firma u l-presenza tal-intimat; dan japplika ugwalment ghal-tigdid tal-karta tal-identita' u l-permess tar-residenza u kull dokument iehor li jinvolvi lill-minuri;**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat, izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**